MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 2447/1998/1

**Ralph Naudi, Francis Micallef u William Mock**

**v.**

**Maltacom p l c**

**Il-Qorti:**

## I. PRELIMINARI

1. L-atturi ippremettew hekk fl-att tac-citazzjoni taghhom pprezentat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Novembru 1998:-

“Illi ... huma impjegati mas-socjeta` intimata (gia` Telemalta Corporation) u fl-1989 kienu applikaw ghall-hatra ta’ Telegraph Supervising Officer liema hatriet kienu inghataw retroattivament b’effett mill-1987;

Illi in segwitu ghall-ezami li kien sar l-atturi gabu rispettivament 68, 72 u 70 marka u ma inghatawx il-hatra (ghalkemm gew promossi sussegwentement l-esponenti Micallef u Naudi fl-1996 u Mock fl-1995) nonostante l-fatt illi zewg impjegati, Emanuel Sammut u Joseph Ellul inghataw il-hatra b’effett mill-1987 ghalkemm gabu inqas marki mit-tlett esponenti, bi skuza li l-grad taghhom kien gie abolit.

Illi t-Tribunal ghall-investigazzjoni ta’ l-ingustizzji kellu okkazzjoni jiccensura dan l-agir tal-konvenut fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet <u>Ronald Sacco vs Maltacom p l c</u> fejn gie ordnat li r-rikorrent f’dik il-kawza, li kien gab 69 marka fl-istess ezami jinghata l-kariga ta’ TSO b’effett mill-1987;

Illi interpellata biex tirrimedja din l-ingustizzja s-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti.”

2. L-istess atturi talbu lil dik il-Qorti li:
“1. tordna lis-socjeta` konvenuta tappunta lill-atturi ghall-kariga ta’ Telegraph Supervising Officer (illum maghrufa bhala Customer Service Officer) b’effett mill-1987 a bazi ta’ l-applikazzjoni imsemmija;

b’riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi kontra s-socjeta` konvenuta .... bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` konvenuta.”

3. Is-socjeta` konvenuta kkontestat il-kawza bis-segwenti eccezzjonijiet:
“1. L-1 azzjoni ta’ l-atturi tinsab preskritta skond l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-Korporazzjoni Telemalta, awtrici tas-socjeta` Maltacom plc, imxiet regolarment fil-hatriet ghall-kariga ta’ Telegraph Supervising Officer imsemmija mill-atturi.

3. Illi l-atturi ma kienux ikkwalifikaw biex jimlew is-sittax il-vakanza li kienu disponibbli u konsegwentement ma setghux jinghataw il-hatra. Emanuel Sammut u Joseph Ellul kienu suggetti ghall-ftehim partikolari ma' l-union li tirrapprezenta kemm lilhom kemm lill-atturi, minhabba li l-post li kienu jokkupaw kien gie abolit u kellu bilfors jinstabilhom post alternattiv.

4. Illi d-decizjoni u rakkomandazzjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji fil-kaz ta' Ronald Sacco vs Maltacom plc ma jaffettwaw bl-ebda mod ir-rizultat ta' l-atturi fl-ezami ghall-hatra ta' Telegraph Supervising Officer li sar fl-1989. F'kull kaz l-atturi ma ghamlu ebda ilment quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji.

5. Illi ghalhekk it-talbiet ta' l-atturi huma infondati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom."

4. Illi l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili, permezz ta' sentenza moghtija fid-9 ta' Novembru 2001, wara li cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, cahdet it-talba attrici bl-ispejjez ta' l-eccezzjoni msemmija jithallsu mill-konvenut u dawk rimanenti mill- atturi, u dan wara li kkonsidrat hekk:

"Il-fatti ta' dan il-kaz graw hekk:

"Il-Korporazzjoni Telemalta, awtrici tal-konvenuta, kellha timla sittax-il post battal ta' *telegraph supervising officer* u sar ezami fl-1989 biex jintghazlu l-impjegati li kellhom jinghataw il-hatra. L-atturi qaghdu ghal dan l-ezami izda, billi ma gewx fost l-ewwel sittax-il kandidat, ma nghatawx il-hatra. Barra mill-ewwel sittax-il kandidat, kien hemm ukoll zewg impjegati ohra, li mhux biss ma kinux fost l-ewwel sittax fl-ezami izda wkoll kienu gabu anqas marki mill-atturi, li xorta nghataw il-hatra. Ir-raguni kienet li dawk iz-zewg impjegati kienu f'kariga li kellha tigi abolita u ghalhekk kellu jinstabilhom post iehor. Bi ftehim mal-*union* li kienet tirrapprezenta kemm lilhom kif ukoll lill-

atturi, dawk iz-zewg impjegati wkoll, flimkien ma' l-ewwel sittax, inghataw il-hatra ta' *telegraph supervising officer*.

"L-atturi issa qeghdin ighidu illi l-awtrici tal-konvenuta kellha obbligazzjoni taghti l-hatra lilhom ukoll, ladarba kienet tatha lil min kien gab anqas marki minnhom. Il-konvenuta ressqet l-eccezzjoni li dik l-obbligazzjoni – jekk tassew kien hemm obbligazzjoni – waqghet bi preskrizzjoni taht l-art. 2156(f) tal-Kodici Civili:

"2156. L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin:

(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku.

"Il-preskrizzjonijiet qosra huma kollha eccezzjonijiet ghar-regola generali tal-preskrizzjoni li nsibu fl-art. 2143 tal-Kodici Civili, i.e. il-preskrizzjoni ta' tletin sena. Bhal kull eccezzjoni ohra, il-preskrizzjonijiet qosra ghandhom jinghataw interpretazzjoni restrittiva[1].

"Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, ghalkemm il-kelma "kreditu", *lato sensu*, tfisser kull jedd *in personam* li jikkorrespondi ma' kull obbligazzjoni tad-debitur, b'mod illi obbligazzjoni u kreditu huma z-zewg ucuh ta' l-istess rabta guridika, madankollu fil-kuntest ta' l-Art. 2156(f) tal-Kodici Civili l-kelma "kreditu", minhabba fir-restrizzjoni tar-regola ta' interpretazzjoni ta' *eiusdem generis*, tigbor fiha biss jeddijiet li huma ta' l-istess natura bhall-jeddijiet l-ohra msemmija fl-Art. 2156. Ebda wiehed mill-krediti msemmija fl-Art. 2156 ma huwa kreditu ta' obbligazzjoni *di fare*; huma kollha obbligazzjonijiet ghall-hlas ta' flus.

[1] Ara Baudry-Lacantinerie et Tissier, *Della Prescrizione*, § 712, Vol. XXVIII ta' *Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile.* Casa Editrice Vallardi, Milano.

“Li l-preskrizzjoni “residwali” taht l-Art. 2156(f) hija soggetta ghal interpretazzjoni *eiusdem generis* huwa principju gia` stabbilit fil-gurisprudenza.

“F’sentenza moghtija fis-7 ta’ Frar 1949 *in re* **Giovanni Saliba *et versus* Angelo Grech**[2] il-Qorti ta’ l-Appell kienet qalet hekk:

“Dak l-Artikolu [Art. 2156] jikkontempla l-kazijiet ta’ krediti ghal cnus, ghar-renditi perpetwi jew vitalizji, ta’ interessi fuq cnus bollali, ta’ pensjoni ghall-alimenti, ghall-hlas ta’ kera, ghal hlas ta’ interessi, ghal somom dovuti ghal self, jew pagabbli annwalment, ghar-restituzzjoni ta’ mutwi; u mbaghad tigi dik is-sezzjoni fejn jinghad “ghal hlas ta’ kull kreditu iehor ... ... ...”. Dik il-kelma “iehor” turi bic-car illi l-legislatur qieghed jikkonnetti din id-dispozizzjoni mas-sezzjonijiet precedenti, fejn huma indikati krediti specifici, u ghalhekk dak il-kreditu ghandu jkun *eiusdem generis*, skond ir-regola komunement accettata fil-gurisprudenza.”

“Ghalhekk, l-obbligazzjoni li fuqha qeghdin jistriehu l-atturi ma hix wahda li taqa’ taht l-Art. 2156(f) tal-Kodici Civili, u l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni hija michuda.

“Fil-meritu, il-Qorti hija tal-fehma illi, ladarba l-kondizzjonijiet ta’ l-ezami li ghalih qaghdu l-atturi kienu li l-hatra tinghata lill-ewwel sittax-il kandidat, id-dritt li kellhom l-atturi kontra l-awtrici tal-konvenuta kien li jinhatru jekk jigu fost l-ewwel sittax. Huma ma gewx fost l-ewwel sittax u ghalhekk ma ghandhomx dritt ghall-hatra. Il-fatt li nghatat koncessjoni specjali lil terzi, minhabba cirkostanzi specjali, ma jfissirx li lill-atturi wkoll kellha tinghata dik il-koncessjoni.

“Fil-meritu, ghalhekk, it-talbiet ta’ l-atturi ma jistghux jintlaqghu.”

## <u>II. L-APPELL</u>

[2] Vo. XXXIII-I-397. Ara wkoll **Lorenza Buttigieg *et versus* GioBatta Caruana, Qorti ta’ l-Appell, 14 ta’ Frar 1955, Vol. XXXIX-I-101**.

5. L-atturi appellaw minn din is-sentenza quddiem din il-Qorti b'rikors ipprezentat fit-22 ta' Novembru 2001. Wara li spjegaw l-aggravju taghhom huma talbu li din il-Qorti tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn fil-meritu cahdet it-talbiet ta' l-atturi, u minflok tilqa' l-istess talbiet bl-ispejjez.

6. Is-socjeta` appellata wiegbet ghall-aggravji ta' l-appellanti u talbet li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**III. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

7. F'din il-kawza l-atturi appellanti qeghdin jitolbu li jinghataw hatra oghla mis-socjeta` appellata ghaliex qeghdin jallegaw li kienu inqabzu ingustament meta kien imisshom li jinghataw il-hatra.

8. Il-fatti sostanzjali tal-kaz gew spjegati fis-sentenza appellata u jidher li m'hemmx kuntrast dwarhom bejn il-partijiet. Ghalhekk m'hemmx il-htiega li din il-Qorti tirrepetihom f'din il-parti tas-sentenza. Minflok, il-Qorti sejra tghaddi mill-ewwel biex tinvestiga l-aggravju ta' l-appellanti.

9. L-appellanti argumentaw li r-ragunament adoperat fis-sentenza appellata kien inaccettabbli f'socjeta` li ghandu jkollha l-gustizzja bhala wahda mill-kardini taghha. Meta tinghata koncessjoni, tali koncessjoni ghandha tkun ibbazata fuq ir-ragonevolezza u qatt ma ghandha tippregudika lil terzi kif gara f'dan il-kaz. L-appellanti jirrimarkaw li:

"jirrizulta ampjament li l-atturi kollha gabu marki iktar minn Sammut u Ellul u ghalhekk jekk dawn setghu jinghataw xi koncessjoni ma kellha qatt tkun li jigu maqbuza l-atturi (u ohrajn bhalhom) b'din il-manuvra. Jekk gie deciz li dawn iz-zewg persuni kellhom jigu promossi, kellhom jigu wkoll promossi dawk kollha li gabu marki iktar minnhom. Qatt ma setghet is-socjeta` konvenuta taqbad u taghti promozzjoni b'dan il-mod diskriminanti. Jekk l-atturi kienu, kif qalet is-sentenza, marbutin bil-kundizzjonijiet imsemmija, anke s-socjeta` awtrici tal-konvenuta kienet

marbuta b'dawn il-kundizzjonijiet u ma setghetx b'azzjoni sussegwenti, kif gara f'dan il-kaz tikser wahda minn dawn il-kundizzjonijiet u cioe` li ma toqghodx strettament ghar-rizultat.
Fil-fatt l-istess socjeta` konvenuta hija marbuta anke bil-ftehim kollettiv li trid bil-fors timxi mar-rizultati varji li tniedi ghall-promozzjoni."

10. Is-socjeta` appellata wiegbet hekk:
"Il-bazi ta' l-azzjoni ta' l-atturi hija l-obbligazzjoni kontrattwali jew kwazi kontrattwali naxxenti mis-sejha ghall-applikazzjonijiet u l-ezami li huma ghamlu. Kif tajjeb qalet l-ewwel Qorti, f'dan l-ezercizzju l-atturi kellhom dritt li jinghataw il-hatra jekk jikkwalifikaw fost l-ewwel sittax-il kandidat. Una volta l-atturi ma kkwalifikawx fost l-ewwel sittax huma ma kellhom ebda dritt li jinghataw il-hatra.

"L-atturi ma humiex qed jippretendu li kellhom jigu fost l-ewwel sittax. Anzi l-argument taghhom huwa li f'dak l-ezercizzju huma kellhom jinghataw il-hatra minkejja li ma gewx fost l-ewwel sittax kif kien mehtieg skond l-ezercizzju ghall-kariga ta' Telegraph Supervising Officer.

"L-atturi jirreferu ghad-decizjoni u rakkomandazzjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji fil-kaz ta' Ronald Sacco vs Maltacom plc. Din id-decizjoni pero` ma taffettwa bl-ebda mod ir-rizultat ta' l-atturi fl-ezami ghall-hatra ta' Telegraph Supervising Officer li sar fl-1989.

"F'kull kaz id-decizjoni ta' dan it-Tribunal m'hijiex decizjoni ta' Qorti li hija vinkolanti. Dan it-Tribunal jaghmel biss rakkomandazzjonijiet. It-Tribunal jimxi fuq kriterji differenti minn dawk applikabbli mill-Qrati Ordinarji u fost ohrajn kien proprju biex jiddeciedi fuq kwistjonijiet fejn m'hemmx rapporti kontrattwali cari u vinkolanti li gie mwaqqaf. L-atturi kellhom kull opportunita` li jressqu ilment quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji, pero` jidher li dak iz-zmien ma kienux ihossu li kellhom bazi soda ghall-pretensjonijiet taghhom. Ir-rakkomandazzjoni li saret minn dan it-Tribunal fir-rigward ta' Ronald Sacco, pero ma taffettwa bl-ebda mod id-drittijiet ta' l-atturi.

“M’humiex korretti l-atturi meta jghidu li l-Korporazzjoni Telemalta ma qaghditx ghar-rizultat. In fatti dawk kollha li gew fl-ewwel sittax-il post inghataw il-hatra.

“Fil-kaz ta’ Emanuel Sammut u Joseph Ellul kienu suggetti ghall-ftehim partikolari ma’ l-union li tirrapprezenta kemm lilhom kemm lill-atturi, minhabba li l-post li kienu jokkupaw kien gie abolit u kellu bilfors jinstabilhom post alternattiv. L-esponenti kellha kull dritt tasal fi ftehim mal-Union li tirrapprezenta l-haddiem tal-kumpanija dwar il-pozizzjoni li kellhom jokkupaw dawn iz-zewg impjegati una volta l-post taghhom gie abolit. Dan la sar kapriccozament, u lanqas ma sar unilateralment, izda kien motivat minn ragunijiet ta’ xoghol u bi ftehim mal-union li tirrapprezenta l-haddiem.”

11. Jirrizulta li l-appellanti ma gewx fost l-ewwel sittax-il kandidat fl-ezami in kwistjoni li sar fis-sena 1989, liema ezami sar precizament biex jimtlew sittax-il post battal ta’ *Telegraph Supervising Officer.* Jidher li l-appellanti kienu jaccettaw li ma jintghazlux ghal din il-kariga li kieku intaghzlu biss dawk is-sittax-il kandidat li gabu aktar marki fl-ezami minnhom. Il-lanjanza ta’ l-appellanti hija msejsa fuq il-fatt li zewg impjegati ohra, cioe` Emanuel Sammut u Joseph Ellul, li kienu gabu marki anqas minnhom, inghataw l-imsemmija hatra.

12. Is-socjeta` appellata sostniet li dawn it-terzi kienu impjegati f’kariga li kellha tigi abolita u ghalhekk hija dahlet fi ftehim mal-union tal-haddiema li bis-sahha tieghu dawn it-terzi inghataw il-hatra flimkien ma’ l-ewwel sittax-il kandidat. L-appellanti sostnew li s-socjeta` appellata imxiet b’mod ingust maghhom, ghaliex la darba hija iddecidiet li tippromwovi kandidati li gabu marki anqas minnhom, allura hija kienet obbligata li tahtar lilhom ukoll fil-grad ta’ *Telegraph Supervising Officer*.

13. Is-sentenza appellata ikkonkludiet li s-socjeta` konvenuta osservat strettament il-kundizzjonijiet ta’ l-ezami vis-a`-vis l-atturi. Hija osservat:
“Il-fatt li nghatat koncessjoni specjali lil terzi, minhabba cirkostanzi specjali, ma jfissirx li lill-atturi kellha tinghata dik il-koncessjoni.

"Fil-meritu, ghalheklk, it-talbiet ta' l-atturi ma jistghux jintlaqghu."

14. Il-kritika ta' l-appellanti hija sostanzjalment diretta fil-konfront ta' din is-silta mis-sentenza appellata. L-appellanti sostnew li s-socjeta` appellata ma osservatx strettament ir-rizultat ta' l-ezami u li hija kienet marbuta wkoll bil-ftehim kollettiv li trid bilfors timxi mar-rizultati varji li tniedi ghall-promozzjoni.

15. Is-socjeta` appellata wiegbet li hija qaghdet ghar-rizultat ta' l-ezami ghaliex hija tat il-hatra lill-kandidati kollha li gew fl-ewwel sittax-il post. Hija agixxiet strettament skond l-obbligi taghha naxxenti mis-sejha ghall-applikazzjonijiet u r-rizultati li gabu l-kandidati fl-ezami relattiv li ghamlu. La darba l-appellanti ma kienux fost l-ewwel sittax huma ma kellhom ebda dritt naxxenti ma' l-istess sejha ghall-applikazzjonijiet. Din is-sejha ghall-applikazzjonijiet, effettivament irregolat l-obbligazzjonijiet kontrattwali jew kwazi kontratwali li rregolaw id-drittijiet u obbligi reciproci bejn il-kontendenti.

16. Din il-Qorti hi tal-fehma li dana l-argument legali, li mxiet fuqu wkoll l-ewwel Onorabbli Qorti, huwa legalment fondat, aktar w aktar billi rrizulta li z-zewg terzi persuni li ddahhlu zejda nghataw din il-koncessjoni bi ftehim ma' l-union li kienet tirrapprezenta l-haddiema.

17. Fir-rikors ta' l-appell, l-appellanti allegaw li s-socjeta` konvenuta hija marbuta wkoll bil-ftehim kollettiv li trid bilfors timxi mar-rizultati varji li tniedi ghall-promozzjoni. Pero`, din il-Qorti ma sabet ebda accenn fl-att tac-citazzjoni ghall-ftehim kollettiv imsemmi u ghalhekk it-talba ta' l-atturi mhix bazata fuq din il-kawzali, izda hi bazata sempliciment fuq allegazzjoni ta' ingustizzja. Irid jinghad ukoll li dan il-ftehim kollettiv ma giex prodott bhala prova f'din il-kawza u ghalhekk kwalunkwe accenn ghalih huwa inutili.

18. Din il-Qorti naturalment tissimpatizza ma' l-appellati u ghalhekk sejra tipprovdi temperament fil-kap ta' l-ispejjez.

Izda din il-Qorti ma tistax tiddeciedi kawza bhal din b'referenza semplici ghall-kuncett tal-gustizzja jew ta' l-ekwita`. It-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji jidher li seta' jiddetermina kazijiet simili ghal dawk ta' l-appellanti fuq il-bazi ta' "ingustizzji", izda l-appellanti naqsu li jagixxu quddiem l-istess Tribunal li forsi kien f'posizzjoni li jaghtihom rimedju.

19. Id-decizjonijiet ta' l-istess Tribunal, kif sewwa irrimarkat is-socjeta` appellata, ma jistghux jorbtu lil din il-Qorti anki ghaliex dawn m'humiex imsejsa fuq l-istess kriterji li din il-Qorti hija obbligata li tapplika.

20. Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, izda tordna li l-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------